MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 547/1992/1

**Maria Dolores sive Doris Zammit**

**vs**

**Mario Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Mejju 1992 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn hdax-il xahar u f'dan iz-zmien il-konvenut konvenut naqqas li jhallas lill-atturi r-retta alimentari ghaliha u ghal binha l-minuri, Francis Saviour, meta dan hu legalment obbligat li jhallasha dan.

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiffissa r-retta alimentari ghaliha u ghal binha l-minuri, Francis Saviour;

(2) Tikkundanna lill-konvenut jhallas dik ir-retta alimentari lill-atturi fil-modalitajiet li thoss xierqa din il-Qorti u *occorrendo* direttament mill-paga tieghu.

Bl-ispejjez l-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 3 *et seq*. tal-process;

Rat id-digriet taghha, kif diversament ippreseduta, fejn il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar is-26 ta' Gunju, 1992 fid-9.00 a.m.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat fil-25 ta' Lulju, 1992;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, tas-26 ta' Gunju, 1992, tat-8 ta' Lulju, 1992;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta' Awissu, 1992 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-attrici, zmien ilu, abbandunat id-dar konjugali minghajr ma kellha ebda raguni valida u *inoltre* matul dan iz-zmien kollu ta' abbandun qatt ma pprocediet ghas-separazzjoni personali mill-eccipjent; u ghalhekk it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu respinti.

2. B'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 11 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 11 *et seq*. tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta’ Ottubru, 1992 fejn inghad illi l-attrici kellha tesebixxi l-affidavit taghha; ta’ l-4 ta’ Dicembru, 1992 fejn Dr. John Vassallo ghall-konvenut nforma l-Qorti li kien gie prezentat rikors fis-Sekond’ Awla appuntat ghall-14 ta’ Dicembru, 1992. Dr. Vassallo pprezenta nota b’dokument wiehed. Aktar tard f’dik is-seduta deher Dr. Carmelo Mifsud Bonnici li pprezenta nota b’affidavit ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 16 fejn permezz taghha esebixxa kopja legali tar-rikors ipprezentat minnu fis-17 ta’ Novembru 1992, fejn talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Rat in-nota ta’ l-attrici ta’ l-4 ta’ Dicembru 1992 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess; (a fol. 21 tal-process);

Rat il-verbali tas-17 ta’ Frar, 1993 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti illi kien hemm possibilta` ta’ ftehim ghal separazzjoni konsenswali li wkoll tinkludi l-meritu ta’ din il-kawza; tal-11 ta’ Mejju, 1993 fejn Dr. John Vassallo informa lill-Qorti illi t-trattativi kienu ghadhom ghaddejjin u kienet giet ipprezentata citazzjoni ghas-separazzjoni personali. Dr. Vassallo ghall-konvenut ha kopja ta’ l-original ta’ l-affidavit u ta ruhhu b’notifikat bih u talab id-dritt tal-kontro-ezami.  Huwa obbliga ruhhu li jipprezenta affidavit sas-seduta li jmiss; tat-18 ta’ Gunju, 1993 fejn Dr. John Vassallo informa lill-Qorti li d-difensuri kienu qablu li x-xhieda kollha li tinghata f’din il-kawza ikunu applikabbli u jaghmlu stat ghall-kawza citazzjoni numru 189/93 fl-ismijiet inversi.  Dr. Vassallo iddikjara li jkun opportun li l-affidavit dwar din il-kawza jkun inkluz f’dak ta’ kawza l-ohra li hi ghas-separazzjoni; tal-5 ta’ Ottubru, 1993; tas-7 ta’ Dicembru, 1993; u tas-16 ta’ Frar, 1994;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 22 ta’ Frar 1994 fejn permezz taghha pprezentat affidavit ulterjuri taghha stess (a fol. 30);

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ April, 1994; ta’ l-20 ta’ Mejju, 1994 fejn il-partijiet qablu li *nonostante* n-natura tat-

talba jaqblu li din il-kawza tibqa miexja u tigi deciza flimkien mal-kawza citazzjoni numru 189/93; tat-18 ta' Ottubru, 1994; ta' l-14 ta' Dicembru, 1994; tal-21 ta' Marzu, 1995; ta' l-24 ta' Mejju, 1995; tal-15 ta' Novembru, 1995; tas-7 ta' Frar, 1995 fejn dehret il-Perit Legali li kkonfermat li kienu nzammu s-seduti ordnati u li kien hemm xi ohrajn iffissati; tas-27 ta' Marzu, 1996; tat-8 ta' Mejju, 1996; tat-22 ta' Ottubru, 1996; tal-15 ta' Novembru, 1996; tal-5 ta' Frar, 1997; tad-9 ta' April, 1997; tal-21 ta' Mejju, 1997; tal-15 ta' Ottubru, 1997; tat-3 ta' Dicembru, 1997; tal-11 ta' Marzu, 1998; tas-27 ta' Mejju, 1998; tal-21 ta' Ottubru, 1998; tat-13 ta' Jannar, 1999; ta' l-24 ta' Frar, 1999; tas-26 ta' Marzu, 1999; tal-5 ta' Mejju, 1999; tat-23 ta' Gunju, 1999; tat-22 ta' Ottubru, 1999; ta' l-1 ta' Dicembru, 1999; tat-2 ta' Frar, 2000; tat-3 ta' Marzu, 2000; ta' l-14 ta' April, 2000; tas-17 ta' Mejju, 2000; tat-2 ta' Gunju, 2000; tat-12 ta' Lulju, 2000; ta' l-1 ta' Novembru, 2000; tas-7 ta' Dicembru, 2000; tas-7 ta' Frar, 2001; tad-9 ta' Mejju, 2001; tat-8 ta' Gunju, 2001; tat-12 ta' Ottubru, 2001; tas-7 ta' Dicembru, 2001; tat-30 ta' Jannar, 2002; ta' l-10 ta' April, 2002; ta' l-24 ta' Mejju, 2002; ta' l-10 ta' Lulju, 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostaklu; tat-30 ta' Ottubru, 2002 fejn il-kawza – b'ordni tal-Qorti – giet differita ghall-istess skop; tal-5 ta' Novembru, 2002 fejn minhabba indispozizzjoni ta' l-Imhallef sedenti, l-kawza giet differita ghall-istess skop; tas-26 ta' Novembru, 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali; ta' l-14 ta' Jannar, 2003; u tat-28 ta' Jannar, 2003;

Rat l-avviz tal-Qorti fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Marzu, 2003; ta' l-20 ta' Mejju, 2003 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-provi kollha ngabru fil-kawza fl-ismijiet inversi fuq il-lista ta' llum (kawza ta' separazzjoni) li fiha gie prezentat ukoll rapport. Il-Qorti *in vista* tad-digriet moghti minnha fit-28 ta' Jannar, 2003 innominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju u ordnatilha zzomm seduta wahda fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet u senjatament ghal dak indikat fir-rikors ta' l-attur tat-8 ta'

Jannar, 2003, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta' l-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew iddikjarati li huma maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni; ta' l-14 ta' Ottubru, 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa l-ahhar seduta fl-24 ta' Ottubru, 2003 fis-1.00p.m. ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut u wara tirritorna l-process ghall-finali trattazzjoni; tal-5 ta' Frar, 2004 fejn Dr. John Vassallo ghall-konvenut iddikjara li l-provi nghalqu u ser jipprezenta dokument fi zmien tletin (30) gurnata mill-lum. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni; tas-27 ta' Mejju, 2004 fejn Dr. Noel Camilleri ghall-attrici iddikjara li l-konvenut jinsab fuq *invalidity pension*, li t-tfal huma llum maggorenni, u li l-kwistjoni kollha hija fuq id-dar matrimonjali. Il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-lum, 28 ta' Ottubru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, Dr. Irene Bonello ipprezentata fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Zammit vs Maria Dolores sive Doris Zammit"** (Citazzjoni Numru. 189/93RCP).

Rat is-sentenza moghtija illum stess minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Mario Zammit vs Maria Dolores sive Doris Zammit"** (Citaz. Nru. 189/93RCP).

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza fejn l-attrici kienet qeghda titlob lill-Qorti sabiex tigi iffissata retta alimentarja ghaliha u ghal binha minuri, Francis Saviour. Il-konvenut mill-banda l-ohra qieghed jghid illi l-attrici, zmien ilu, abbandunat id-dar konjugali minghajr ebda raguni valida u *inoltre* matul dan iz-zmien kollu ta' abbandun qatt ma pprocediet ghas-separazzjoni personali mill-eccipjent; u ghalhekk it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu respinti.
Illi din hija – jew kienet – kawza semplici hafna u li l-partijiet ikkumplikawha bla bzonn u hallew zmien twil

jghaddi minn fuqha <u>ghalxejn</u>. (Sottolinejar tal-Qorti). Din il-kawza setat facilment tigi deciza snin ilu, li kieku mhux ghad-dikjarazzjoni ta' l-istess partijiet *tramite* d-difensuri taghhom maghmula fl-20 ta' Mejju, 1994 illi din il-kawza kellha tigi deciza mal-kawza l-ohra li hemm pendenti bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi.

Illi din l-ahhar kawza u cjoe` dik fl-ismijiet **"Mario Zammit vs Maria Dolores sive Doris Zammit"** (Citazzjoni Numru 189/93RCP) giet deciza illum stess u a skans ta' ripetizzjonijiet, il-Qorti qeghda taghmel referenza shiha ghal din il-kawza u ghall-konsiderazzjonijiet taghha u dan anke peress illi l-istess partijiet kienu qablu li x-xhieda kollha li tinghata f'din il-kawza ikunu applikabbli u jaghmlu stat ghall-kawza citazzjoni numru 189/93 fl-ismijiet inversi.

Illi f'dik il-kawza tas-separazzjoni (Citazzjoni Numru 189/93/RCP), l-konvenut odjern kien talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-konvenuta (l-attrici odjerna) iddekadiet mid-dritt taghha li tesigi manteniment minghandu.

Illi l-Perit Legali, Dr. Irene Bonello fir-relazzjoni peritali taghha (ipprezentata fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 189/93/RCP) waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet dwar it-talbiet ta' l-attrici f'din il-kawza odjerna, liema konkluzjonijiet ser jissieltu *verbatim*:

*"Kwantu ghat-talbiet tal-konvenuta kontenuta fil-kawza fl-ismijiet in versi, peress li bin il-kontendenti Francis Saviour Zammit huwa maggorenni ma ghandhiex tigi kkonsidrata t-talba ghall-alimenti ghaliha, u inoltre sakemm l-attur jibqa fis-sitwazzjoni attwali cjoe` ta' invalidita' fejn jircievi pensjoni ta' l-invalidita ta' tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm30.56) fil-gimgha (liema sitwazzjoni tista tigi riveduta fil-2003 meta jsir ezami mill-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali) u sakemm ma jahdimx, l-ebda manteniment ma jkun dovut minnu lill-konvenuta, li da parti taghha tahdem u ghandha introjtu ta' cirka ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha.*

*Illi apparti dan kollu d-difensur ta' l-attrici Dr. Noel Camilleri ghall-attrici fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2004 iddikjara li l-konvenut jinsab fuq invalidity pension, li t-tfal huma llum maggorenni, u li l-kwistjoni kollha hija fuq id-dar matrimonjali.*

*Illi jibda biex jinghad allura illi parti mill-ewwel talba attrici hija sabiex tigi ffissata retta alimentarja ghal iben minuri tal-kontendenti, Francis Saviour. Stante din id-dikjarazzjoni, il-Qorti qeghda tichad din il-parti ta' l-ewwel talba.*

*Illi apparti minn dan kollu, jidher illi l-attrici stess – u dan skond ma gie dikjarat minn Dr. Noel Camilleri ghan-nom taghha fis-27 ta' Mejju, 2004 – ma ghadx ghandha interess f' din il-kawza peress illi "l-kwistjoni kollha hija fuq id-dar matrimonjali".*

Illi ghalhekk din il-Qorti hija sorpriza kif l-istess attrici ma rregolatx ruhha fuq din il-kawza *in vista* ta' din id-dikjarazzjoni taghha stess.

Illi apparti dan kollu, din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Zammit vs Maria Dolores sive Doris Zammit"** (Citazzjoni Numru 189/93RCP) iddikjarat illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tesigi manteniment minghand l-attur u dan minhabba l-adulterju kommess minnha, u fil-fatt gew applikati kontra taghha u kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet kollha ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** u f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-provi u ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha f'dik l-istess kawza fuq dan il-punt li ghandhom japplikaw ghal din il-kawza odjerna fil-kuntest tal-kwistjoni ta' manteniment li ghandu jigi ffissat f'din is-sentenza u *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-partijiet, li rabtu l-ezitu ta' din il-kawza ma' l-ezitu tal-kawza ta' separazzjoni, u fl-ahharnett fil-kuntest tal-verbal citat fejn Dr. Noel Camilleri ddikjara li l-unika konstestazzjoni li kien baqa' dwar il-kawza ta' separazzjoni kienet il-lokazzjoni tad-dar matrimonjali.

Illi ghalhekk *in vista* ta' dan li ghadu kif gie appena hawn dikjarat il-Qorti sejra tichad it-talbiet attrici kollha, kemm

ghaliex l-attrici ma jidhirx li baqalha interess fl-istess *in vista* tad-dikjarazzjonijiet taghha, kemm ghaliex il-partijiet rabtu din il-kawza mal-kawza dwar separazzjoni, li giet deciza proprju llum u fejn jirrizulta li kull parti tilfet kull dritt ta' manteniment minghand il-parti l-ohra, apparti li l-minuri huwa llum maggorenni, u fl-ahharnett u biss ghall-kompletezza jinghad li jirrizulta li l-konvenut illum ma ghandux mezzi biex jipprovdi manteniment ghall-attrici, li wkoll ghandha mezz ta' ntrojtu taghha, *purche* limitat.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak premess, **tichad ukoll it-talbiet kollha attrici,** *stante* li llum huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------